

## *Tixxennaq u Tinfena Ruħi għat-Tempju tal-Mulej (3)*

# *Legati u Fondazzjonijiet*

Kitba ta' Mario Formosa Holt

F'din it-tielet kitba tiegħi f'din is-sensiela, xtaqt niffoka fuq drawwa antika li llum qajla għadna nisimgħu biha. Appuntu dik ta' meta xi ħadd iħalli b'legat, allura jkun qed juru x-xewqa li dak li jkun qed iwettaq f'ħajtu jitkompla anke wara mewtu u dan fil-kaz ta' quddies b'suffraġju ta' xi ħadd jew anke devozzjonijiet b'rabta ma' festi partikolari.

Dawn il-ftit eżempju li ser insemmu jkopru l-ewwel ħamsin sena tas-seklu l-ieħor. Fl-1901 is-Sinjura Caterina Inglott, mart il-benefattur kbir tal-Knisja tagħna Sir Ferdinand Inglott u li propju għaxar snin qabel kien irregala l-kwadru titulari wara li kien xtrah mingħand il-patrijiet Dumnikani tal-Belt, għamlet offerta sabiex isiru numru ta' quddies. Kellha titqaddes quddiesa kull nhar ta' Ġimgħa, is-sena kollha, fuq l-altar tad-Duluri, magħrufa aktar bħala d-Desolata. Offriet ukoll quddies għal żewgħha u b'suffraġju tal-Perit Giuseppe Bonavia li kien fdat bid-disinn u x-xogħol fuq il-bini tal-Knisja ta' Stella Maris. Il-Perit Bonavia miet nhar is-7 t'Ottubru 1885 fl-eta ta' 65sena. Is-Sinjura Inglott ħasbet ukoll għal fondazzjoni sabiex fil-jiem tal-Karnival issir Esposizzjoni tas-Santissimu Sagrament fil-Knisja Parrokkjali ta' Stella Maris.

Legat ieħor li jġib id-data ta' l-4 t'April 1902 hu mħolli minn ħadd għajr il-filantropu Nazzjonali s-Sur Alfons Maria Galea. Fost l-oħrajn dan il-bniedem, għani mhux biss fil-gid materjali iżda aktar fl-ispirtu ta' solidarjeta soċjali, flimkien ma' Dun Vinċenz Manche, l-ewwel Kappillan ta' Tas-Sliema, kien irsista kemm felaħ sabiex l-Ordni Salezjan ġie Malta. Niftakru wkoll li fl-1924 il-kommendatur Alfonso Maria Galea kien maħtur President Onorarju tal-Filarmonika Stella Maris. Is-Sur Fons, kif kien magħruf l-aktar, offra sabiex issir Quddiesa kantata nhar il-5 ta' Mejju. Din il-quddiesa "De Requie" kellha tkun b'suffraġju tal-mejtin Slimiżi. Offra wkoll li jitqaddsu żewġ Quddiesit għall-ħtieġijiet spiritwali u materjali tal-Ghaqda filantropiku taħt il-patroċinju ta' San Vinċenz de Paoli.

Fl-Istess sena, Aloisia Ciancio offriet li kull sena jitqaddsu tnax il-quddiesa u li dan jibqa jsir għal ħmistax il-sena. Legat ieħor li jġib id-data tat-13 ta' Ġunju 1903 magħmul minn Grazia Perett li permezz tiegħu offriet li ssir quddiesa kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Nibqgħu fl-1903 u nsibu li l-aħwa Pace Axiak ħallew b'legat li fix-xahar ta' Ġunju titqaddes quddiesa segwita bl-Esposizzjoni ta' Ġesu' Sagramentat. Offerta differenti li niltaqgħu magħha f'din l-istess sena hi dik ta' Giocchino Ellul. Din kienet tikkonsisti filli jsiru priedki fl-erbgħat ta' l-Udjenza bi tħejjija għall-

Festa f'ġieħ il-Madonna tal-Karmnu. L-ewwel darba li ġiet iċċelebrata din il-Festa fil-Knisja ta' Stella Maris kien nhar il-Ħadd 25 ta' Lulju 1869.

Biż-żmien kienet festa li bdiet issir b'aktar solennita' u saħansitra kienu jsiru wkoll festi esterni bis-sehem ta' xi baned u anke bil-gostra. F'dan is-sens ukoll nistgħu nsemmu l-fondazzjoni li ħalla Monsinjur Pawlu Galea, Vigarju Generali tad-djoċesi Maltija sabiex issir il-Festa



ta' Sta. Tereza tal-Bambin Ġesu fil-Knijsa Parrokkjali ta' Stella Maris.

Drawwa antika oħra ta' devozzjoni lejn Ġesu Sagramentat hi dik tal-Kwaranturi. Din hi kelma li llum daħlet f'ilsienna, magħmula minn żewġ kelmiet Taljani li appuntu trid tfisser esposizzjoni Solenni ta' Ġesu Sagramentat għal erbgħin siegħa mifruxa fuq tliet ijiem.

Skond legat imħolli mis-Sur Goffredo Borg fl-atti tan-Nutar F.S. Schembri Zarb bid-data tat-28 ta' Awwissu 1918, kellhom isiru dawn il-Kwaranturi fil-Knisja Parrokkjali tagħna fil-jiem ta' l-4, 5 u 6 ta' Jannar ta' kull sena.

Jiem oħra ta' Kwaranturi huma marbuta mal-Festa tal-Qalb ta' Ġesu' li fl-imgħoddi kienet tkun iċċelebrata fl-aħħar Ħadd ta' Ġunju. Il-kongregazzjoni tal-Qalb ta' Ġesu u tal-Qalb ta' Marija kienet tieħu ħsieb li din il-Festa tiġi ċċelebrata bl-aktar mod solenni. Kienu l-aħwa Giovanna u Antonia Anastasi li permezz ta' legat skond l-Atti tan-Nutar C. Micallef Decaro li jġib id-data tat-13 ta' Settembru 1920, li ħallew fondazzjoni sabiex isiru dawn il-kwaranturi bi tħejjija għall-Festa tal-Qalb ta' Ġesú. Wara r-riforma tal-Konċilju Vatikan it-Tieni, dawn il-kwaranturi ma baqgħux isiru fil-Knisja Parrokkjali iżda bdew jinżammu fil-Knisja z-Żgħira.

Dun Mikiel Balzan (aktar tard Monsinjur), li barra kien Prokuratur tal-Knisja u tal-Festa ta' Marija Kewkba tal-Baħar kien ukoll Direttur u wieħed mill-Fundaturi tas-Soċjetá Filarmonika Stella Maris, bejn l-1918 u l-1932 ħalla legat skond l-Atti tan-Nutar Dr. G. Sammut LL.D. bid-data tad-9 ta' Mejju 1944 li ssir Adorazzjoni lil Ġesú Sagramentat fl-aħħar jum tas-Sena.

Dawn li semmejna huma biss uħud mill-legati u fondazzjonijiet b'rabta mall-Knisja Parrokkjali Matriċi ta' Stella Maris fuq medda ta' ftit aktar minn erbgħin



ALFONS MARIA GALEA

sena. Naturalment hemm aktar x'wieħed iżid ma' dawn. Ilkoll però juru mhux biss ir-rabta tagħhom mal-Knisja Parrokkjali tagħna, iżda fuq kollox is-sens spiritwali li bih kienu mnebbħa.

Riferenzi:

Tas-Sliema, Il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris – Maurice Busietta
Il-Banda Stella Maris – Mitt Sena ta' Storja – Herbert Naudi
Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur